MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2015**

Rikors Maħluf Numru: 294/15LM

Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 476/15 fl-ismijiet:

**Hawkins James**

**vs**

**Seasus Limited (C29821)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **Seasus Limited** (C29821) (minn issa 'il quddiem "is-soċjetà sekwestrata" ippreżentat fis-26 ta' Marzu, 2015 ai termini tal-Artikolu 836

(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' liema għar-raġunijiet imfissra talbet li din il-Qorti:

*Illi ir-rikors odjern qiegħed jigi intavolat ai termini tal-Artikolu 836 (1) illi jippermetti lill-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jagħmel rikors lill-Qorti li tkun qiegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat.*

*Illi s-segwenti hija l-kronoloġija tal-fatti:*

*Illi James Hawkins intavola mandat ta' sekwestu kawtelatorju numru 476/2015 kontra s-soċjetà Seasus Limited, fl-ammont inġenti u spekulattiv ta' tliet mitt elf Euro (€300,000) in kawtela tad-dritt tar-rikorrent għall-ħlas ta' danni inkorsi bħala konsegwenza tan-nuqqas tas-soċjetà intimata li tosserva l-obbligi kuntrattwali tagħha, liema pretensjoni l-esponent jiddeduċi permezz ta' rikors ġuramentat li għadu ma ġiex notifikat lill-esponenti u ġie appuntat sabiex jinstema' minn din l-Onorabbli Qorti, hekk kif ippresjeduta;*

*Illi r-retroxena ta' dan il-mandat, in suċċinct, huwa s-segwenti:*

*Permezz ta' ftehim milħuq f'Lulju 2013 (anness u mmarkat bħala dokument SS001) Seasus Limited ġiet imqabbda, għas-somma pattwita ta' disat elef u ħames mitt Euro (€9,500), sabiex tikkompleta sit elettroniku sabiex l-attur ikun jista' jniedi proġett ġdid ta' servizzi finanzjarji elettroniku. Kulma kellha tagħmel is-soċjetà konvenuta, kien li tikkompleta s-sit sabiex dan ikun jista' jiġi varat għall-ewwel darba għal dan il-proġett li qatt ma kien varat qabel, tant hu hekk li ħarsa lejn is-sit illum (stampa tas-sit annessa u mmarkata bħala*

*dokument SS002) juri li s-sit għadu lanqas beda jaħdem sal-lum (recte) stess;*

*Illi ġara li wara li ġie ffirmat il-kuntratt li kien jipprovdi li l-partijiet kellhom jilħqu ftehim fuq l-ispeċifikazzjonijiet (Artikolu 2 tal-kuntratt[1]), il-partijiet ma setgħux jilħqu ftehim fuq dawn l-ispeċifikazzjonijiet stante li Hawkins ma kienx qed ikun raġonevoli fir-rikjesti tiegħu u għalhekk dak li kellu jkun proġett sa ċertu punt di facile spedizione, ta' kompletazzjoni ta' sit li kien ġia fi stadju avvanzat ta' programazzjoni, minħabba l-fatt li Hawkins kien qed jippretendi li jingħata ferm aktar minn dak li ġie pattwit bejn il-partijiet;*

*Illi għalhekk meta l-partijiet ma waslux, f'Marzu 2014 Hawkins intavola ittra uffiċjali kontra s-soċjetà konvenuta (hawn annessa u mmarkata bhala dokument SS003) fejn inter alia talab ħlas ta' penali ammontanti għal €15,120 u rifużjoni ta' depożitu mħallas minnu ta' €3,200, għal somma komplessiva li ma teċċedix id-dsatax-il elf Euro;*

*Illi s-soċjetà Seasus irrispondiet għall-imsemmija ittra uffiċjali permezz ta' ittra uffiċjali oħra (annessa u mmarkata bħala dokument SS004) fejn inter alia rrespinġiet il-pretensjonijiet ta' Hawkins, u formalment itterminat il-kuntratt ma' James Hawkins;*

*Illi in segwitu għal dan l-iskambju ta' ittri uffiċjali s-soċjetà Seasus Limited aċċettat li tiltaqa' ma' Hawkins diversi drabi u għal sigħat*

[1] *"Developer, in consultation with Client, shall prepare detailed written specifications for the Web Site (the "Specifications"). The Specifications shall consist of, among other things, a design for the Web Site, a flow chart of the pages for the Web Site, programming and interactive feature requirements, and the placement of any content or other materials which are to be incorporated into the Web Site. The Specifications shall be subject to any restrictions or limitations set forth in Schedule A. If the Parties are unable to agree in writing to mutually acceptable Specifications, after using good faith efforts, on or before days after the Commencement Date, either party may terminate this Agreement by providing written notice to the other party. Such termination shall not relieve Client from the obligation of paying Developer for all fees due and owing Developer as of the date of such termination."*

*twal f'medda ta' ftit xhur, sabiex tinsab soluzzjoni bonarja għall-akkadut u sabiex is-sit jitnieda;*

*Illi minkejja li Seasus Ltd għamlet ammont sostanzjali ta' xogħol iktar fuq dawn l-ispecifikazzjonijiet tal-proġett bl-intenzjoni li jintlaħaq ftehim reċiproku fuq x'għandu jinkludi il-proġett u il-metodi teknici li għandhom jintużaw, u li saru diversi seduti mingħajr preġudizzju reċiproku bejn il-partijiet, li fihom Seasus Limited dejjem ipparteċipat in assoluta buona fede sabiex jintlaħaq ftehim, diversi minnhom anke fil-preżenza tal-konsulenti legali rispettivi tagħhom, il-partijiet ma setgħux jaslu, kif jirriżulta minn diversi emails, dokumenti u verżjonijiet ta' dawn l-ispeċifikazzjonijiet li jistgħu jiġu ppreżentati, stante li Hawkins baqa' jippretendi li jingħata ferm u ferm aktar minn dak pattwit u assolutament ma riedx jaċċeta kompromessi raġonevoli għad li dawn kienu qed jiġu offerti minn Seasus purament biex jintlaħaq ftehim u mhux għax b'xi mod kienu dovuti;*

*Wara ħafna laqgħat twal, bil-parteċipazzjoni ta' uffiċjali anzjani ta' Seasus Ltd u tentattivi sabiex tinsab soluzzjoni, kollha kemm huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-partijiet, id-diskussjoni kkrollat u Hawkins irrifjuta ħesrem li jkompli jiltaqa' sabiex jintlaħaq ftehim, għal raġunijiet li mhumiex mifhuma minn Seasus Ltd. Dan hekk kif jirriżulta mill-ittra ta' Hawkins datata 17 ta' Ottubru 2014 (recte) (annessa u mmarkata bħala dokument SS005);*

*Illi minn dakinhar sal-ġurnata tal-25 ta' Marzu 2015 Seasus Limited, meta ġew notfikati bis-sekwestru riferit, ma reġgħu semgħu xejn mingħand Hawkins;*

*Illi f'daqqa waħda, aktar minn ħames xhur wara l-akkadut, Seasus Limited ġew rinfaċċjati b'dan is-sewkestru f'ammont eżorbitanti, liema sekwestru pparalizza l-attivitajiet tagħhom;*

*Illi fil-fatt Seasus Limited hija soċjetà li topera fis-settur tal-informatika u tħaddem għaxar impjegati, b'dan li dan is-sekwestru qiegħed jhedded li fi żmien ftit jiem iwaqqafha milli tħallas lill-impjegati tagħha jew li tipparteċipa f'diversi sejħiet għall-offerti u proġetti fejn ikun meħtieġ li tingħata garanzija bankarja u dan mingħajr ma jista' jkun hemm ebda bażi prima facie valida għall-ħruġ tiegħu;*

*Illi fil-fatt il-proġett li kien qiegħed jiġi mniedi kien start up project, fi stat embrijoniku u kif wieħed jista' jargumenta li ġarrab telf fattwali ta' €300,000 meta għadu lanqas beda jopera sal-lum huwa bir-rispett argument li mhux talli jirrażenta l-frivolu u vessatorju iżda huwa totalment ridikolu u fil-fatt vendikattiv u sar b'malizzja kif prospettat mill-artikolu 836 (8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant jissussistu wkoll iċ-ċirkostanzi kkontemplati fl-Artikolu 836 (8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għall-impożizzjoni ta' ħlas ta' penali;*

*Illi fil-fatt, waqt id-diversi laqgħat bejn il-partijiet, Hawkins dejjem kien aggressiv ħafna lejn ir-rappreżentanti ta' Seasus Limited u diversi drabi hedded li jekk ma jingħatax dak li ried kien ser jirrovina l-operat tal-kumpannija u fil-fatt jidher determinat li jagħmel hekk;*

*Illi fil-fatt dan jidher li huwa eżattament dak li qiegħed jittanta li jagħmel permezz ta' dan is-sekwestru b'dan li donnu mhuwiex jirrealizza li huwa passabbli għad-danni għall-aġir skunsidrat tiegħu li qiegħed serjament jhedded l-eżistenza tal-kumpannija intimata, li hija responsabblli minn diversi proġetti. Il-waqfien ħesrem tal-operat ta'*

*Seasus Ltd jista' jkollu konsegwenzi kbar mhux biss għas-soċjetà intimata stess, iżda wkoll għal numru kbir ta' klijenti tagħha minħabba n-natura kritika (mission critical) tax-xogħol illi tagħmel;*

*Illi ai termini tal-Artikolu 836 (1) (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-revoka ta' Mandat Kawtelatorju jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;*

*Illi mis-suespost għandu jirriżulta kjarament li prima facie ma teżisti ebda bażi għall-azzjoni ta' Hawkins, partikolarment għall-ammont eżorbitanti mitlub u li l-mandat kawtelatorju ġie ntavolat biss biex ifixkel lil Seasus Limited billi dan il-mandat qiegħed letteralment jaqtgħalha saqajha u ma jippermettiliex li topera stante li ma tistax tħallas lill-impjegati tagħha, l-kera għall-fond minn fejn topera u d-diversi spejjeż operattivi tagħha;*

*Illi ai termini tal-Artikolu 836 (1) (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta r-revoka ta' Mandat Kawtelatorju tista' tintalab jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

*Illi kif ġie ri-iterat diversi drabi fir-rikors odjern il-mandat kawtelatorju odjern m'għandu ebda raġuni għalfejn jissussisti. Is-soċjetà Seasus Limited qdiet l-impenji tagħha b'mod responsabbli, kif jirriżulta mill-annessi u saħansitra marret ferm oltre dak li kien raġonevoli sabiex issib soluzzjoni;*

*Illi in via konklużiva u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi sottolineat illi s-soċjetà esponenti tista' ssofri preġudizzju estensiv jekk il-Mandat jibqa' fis-seħħ. Tali preġudizzju jikkonsisti f'telf ta'*

*negozju u klijenti u espożizzjoni għal danni minn klijenti sostanzjali kif ukoll xkiel fl-andament tan-negozju.*

*Illi għalhekk fl-eventwalità li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha illi ma jissussistux raġunijiet suffiċjenti sabiex jiġi revokat il-Mandat, is-soċjetà esponenti għandha tingħata garanzija għal danni eventwali u imgħax u dan ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant is-soċjetà esponenti filwaqt li tagħmel riferenza għas-suespost u tirriserva l-jeddijiet kollha tagħha titlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra li jidhrilha xierqa u opportuna u filwaqt li tittratta dan ir-rikors b'urġenza*

1. *Tirrevoka il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 476/2015 fl-ismijiet "James L. Hawkins vs Seasus Limited" ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tordna lil James L. Hawkins iħallas penali li jogħġobha tipprefiġġi ai termini tal-Artikolu 836 (8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk din l-Onorabbli Qorti ma jogħġobhiex tilqa' l-ewwel talba attriċi, tordna lil James L. Hawkins sabiex jagħti, fi żmien stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi imposta u ta' danni u imgħax ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna li jekk tali garanzija ma tingħatax entro t-terminu akkordat, li jitneħħa l-mandat;*

Rat ir-Risposta tas-sekwestrant **James Hawkins** (minn issa 'il quddiem imsejjaħ "is-sekwestrant") ippreżentata fit-13 ta' Mejju, 2015 fejn eċċepixxa dan li ġej:

*Illi ġie a konoxxenza tal-esponenti James Hawkins ir-rikors ta' Seasus Limited għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 476/2015.*

***Raġuni għall-ħruġ tal-mandat***

*Illi artiklu 829 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta rigwardanti d-dispożizzjonijiet ġenerali li jirrigwardaw l-atti kawtelatorji jistipula li:*

> *"Kull persuna tista', mingħajr ma hu meħtieg li qabel ikun hemm deċiżjoni, tqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tagħha bil-mezz ta' wieħed jew iżjed mill-atti kawtelatorji hawn taħt imsemmija, illi, wara li jiġu mħarsa minn dik il-persuna l-kondizzjonijiet li jrid dan il-Kodiċi, jiġu maħruġa u esegwiti taħt ir-responsabbiltà tagħha";*

*Illi l-fatti li taw lok għall-kawża u għall-mandat ta' sekwestru li tiegħu qed tintalab ir-revoka saru minħabba l-inadempiment tas-soċjetà intimata li twettaq dak li kien minnha miftiehem u ċioè li s-soċjetà intimata Seasus Limited naqset li tonora, anzi kisret, diversi obbligi kuntrattwali, naxxenti mill-Web Site Development Agreement datat 8 ta' Lulju, 2013, li permezz tiegħu, s-soċjetà intimata, f'artiklu 1, obbligat ruħha li tipprovdi lill-esponenti servizz għall-iżvilupp ta' website skont l-ispeċifikazzjonijiet annessi mal-istess kuntratt;*

*Illi s-soċjetà intimata Seasus Limited naqset li tonora, anzi kisret, diversi obbligi kuntrattwali, ai termini tal-istess kuntratt u dan stante li l-website ma tlestitx kompletament fit-terminu mogħti lilha u ċioè fi żmien tmien ġimgħat mid-data tal-iffirmar tal-istess kuntratt skont kif stipulat minn artiklu (i) ta' Appendix I anness mal-istess kuntratt;*

*Illi l-kuntratt baqa' ma ġiex esegwit fit-totalità tiegħu u li x-xogħol Ii laħaq sar mis-soċjetà intimata ma sarx skont is-sengħa u l-arti, u wisq agħar, sar mingħajr il-prudenza, d-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja u li s-soċjetà intimata taħti għal diversi ksur tal-obbligazzjonijiet tal-kuntratt;*

*Illi dan kollu, u ċioè l-fatt li s-soċjetà ntimata ma wettqitx il-kuntratt u l-obbligi tagħha naxxenti minnu, bħal donnu mhux importanti u ma jinkwadra mkien għas-soċjetà intimata li fir-rikors tagħha nfexxet tgħid li James Hawkins "… dejjem kien aggressiv ħafna lejn ir-rappreżentanti ta' Seasus Limited u diversi drabu hedded li jekk ma jingħatax dak li ried kien ser jirrovina l-operat tal-kumpannija u fil-fatt jidher determinat li jagħmel hekk";*

*Illi s-soċjetà intimata tammetti li l-proġett għadu lanqas beda jopera, però tonqos milli tgħid li dan il-proġett għadu ma bediex jopera ħtija unika tagħha, u allura x'tippretendi s-soċjetà intimata, li James Hawkins għandu jibqa' jistenna s-servizzi tagħha ad infinitum?;*

*Illi s-soċjetà intimata tibbaża t-talba tagħha għar-revoka tal-mandat kawtelatorju fuq artiklu 836 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula:*

*"836. (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan*

*il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qiegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;*
*…*
*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.";*

*Illi r-rekwiżiti biex mandat jibqa' fis-seħħ huma riflessi fid-deċiżjoni fl-ismijiet* ***Desmond Stanley Stuart vs Therese Mangion Galea*** *datata 29 ta' Lulju, 2005, li fiha l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili elenkat sintetikament l-elementi sabiex persuna tkun tista' toħroġ mandat kawtelatorju u stipulat li:*

*"Il-ħtiġijiet tal-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt; (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi eżegwit taħt ir-responsabbiltà tal-persuna li tkun talbitu;"*

*Illi dawn ir-rekwiżiti huma kollha sodisfatti mill-esponenti;*

*Illi l-istess deċiżjoni hawn fuq ċitata stabbilit li "Il-kejl li għandu*

*jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras (836(1)(d) huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"fumus juris" tal-pretensjoni dedotta) u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat";*

*Illi l-esponenti James Hawkins intavola dan il-mandat kawtelatorju limitatament għall-ammont imsemmi fih, li bl-ebda mod ma hu l-ammont sħiħ li hu qiegħed jippretendi li għandu jirċievi, liema ammont reali u sħiħ jaqbeż sew l-ammont rikjest fil-mandat;*

*Illi għal kull tneħħija ta' kull dubju u għal pjena sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti, qiegħed jiġi anness u esebit r-rapport ġuramentat ta' l-awdituri KPMG datat 5 ta' Mejju 2015 (hawn anness u mmarkat (Dok AA 1) li juri b'mod dettaljat uħud mill-elementi kollha tal-pretensjoni ta' James Hawkins;*

*Illi skont l-estratt mill-kuntratt Seasus iQtrades Website Development Agreement[2] is-soċjetà ntimata ntrabtet li tħallas penali ta' disgħin Euro (Euro 90) għal kull ġurnata li tgħaddi u li tkun għadha ma aderixxietx ruħha mal-obbligi kuntrattwali tagħha;*

*Illi din il-penali għal non-delivery tal-kuntratt, mill-ewwel (1) t'Ottubru, 2013, sal-aħħar ta' Marzu, 2015, tammonta għal disgħa u erbgħin elf, mitejn u tletin Euro (€49,230) imqassma kif ġej: -*

- *Ottubru - Diċembru, 2013: 92 ġurnata x Euro 90 = Euro 8,280*

[2] Appendix 1, (iv), paġna 11 "Projects costs" (anness u mmarkat bhala Dokument AA2).

- *Jannar - Diċembru, 2014: 365 ġurnata x Euro 90 = Euro 32,850*
- *Jannar - Marzu, 2015: 90 ġurnata x Euro 90 = Euro 8,100;*

*Illi, addizjonalment ma' dan hemm l-ispejjeż żejda li ħtieġlu, u jinħtieġlu, jinkorri l-esponenti sabiex iqabbad developer ieħor sabiex iwettaq u jħejji l-website, liema spejjeż jammontaw għal sebgħin elf Euro (Euro 35,000) (sic).*

*Illi ta' min jenfasizza illi Seasus Limited b'email datata 3 ta' Diċembru 2013 ammettiet illi l-proġett kellu jiswa madwar Euro 70,000 (dokument anness u mmarkat bhala Dokument AA3);*

*Illi għal fini ta' aktar kjarezza dan qiegħed jigi spjegat fil-Prospett anness u mmarkat bhala Dokument AA4;*

*Illi din l-Onorabbli Qorti, f'dan l-istadju, m'għandiex tiddeċiedi l-mertu iżda għandha tqis jekk, fuq bażi prima facie, jirrizultax illi hemm bażi għall-pretensjonijiet tas-sekwestrant, u jekk l-ammont pretiż huwiex raġonevoli fiċ-ċirkostanzi;*

*Illi l-fatti li taw lok għal dan il-mandat ta' sekwestru ġew spjegati dettaljatament fir-rikors ġuramentat ippreżentat nhar it-2 ta' Marzu, 2015, fil-konfront tas-soċjetà intimata;*

*Illi fid-dawl tas-suespost, l-esponenti jsostni li l-fumus juris, jew bażi ta' pretensjoni, hija ampjament preżenti stante d-danni li sofra, fosthom:*

*i) Ir-rifużjoni tad-depożitu;*

*ii) it-telf ta' qligħ li inkorra, u għadu qed jinkorri, l-esponenti*

*konsegwenza li l-website inkwestjoni ma ġietx, kif fuq imfisser, ikkompletata fl-intier tagħha;*

*iii) il-penali skont il-kuntratt;*

*iv) l-ispejjeż żejda li ħtieġlu, u jinħtieġlu, jinkorri l-esponenti sabiex iqabbad developer ieħor sabiex iwettaq u jħejji l-website;*

*Illi l-esponenti James Hawkins jissottometti illi dawn ir-rekwiżiti ġew milħuqa u rispettati fil-każ odjern. Il-pretensjoni tad-dritt hija ċara u spjegata fid-dettall fir-rikors maħluf. Il-kawża għal danni ġiet debitament intavolata u qiegħda pendenti quddiem din il-Qorti. Il-mandat huwa proċeduralment korrett u ħareġ, u ġie eżegwit, fuq talba ta', u taħt ir-responsabbilità ta' James Hawkins;*

*Illi kif irriteniet tant tajjeb dina l-Qorti ppreseduta mill-imħallef sedenti fis-sentenza* ***GO p.l.c. vs Natalino Zammit I.D. 104262M*** *tat-28 ta' Jannar, 2015:*

> *"Tqis illi dak illi trid taċċerta ruħha minnu l-Qorti permezz ta' din il-proċedura preliminari huwa jekk il-pretensjoni tas-sekwestranta hijiex prima facie ġustifikata jew le. Din hija proċedura preliminari fejn il-Qorti ma tistax tidħol fil-mertu f'dan l-istadju, imma trid tillimita ruħha għal eżami prima facie għaliex il-mertu kollu jiġi trattat u deċiż fil-kawża bejn il-partijiet li tinsab pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta.*
>
> *Illi f'dan ir-rigward tagħmel riferiment għall-provvediment mogħti minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Lulju, 2005[3] fejn qalet li ġej:*

[3] Onor. Imhallef J.R. Micallef, P.A. Rikors Nru 336/2005.

> *"Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jigi mfixkel jew imwarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. Minn dak li ħareġ waqt is-smigħ tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimata eżekutanti għandha, tajjeb jew ħażin, pretensjoni ta' ħlas. Min-naħa l-oħra, li kieku l-Qorti, f'dan il-waqt, tagħti deċiżjoni dwar jekk huwiex minnu, jew le, tkun qiegħda tiddeċiedi l-qofol tal-mertu tal-kontrotalba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidħol fihom fi proċedura bħal din. Jerġa' jingħad hawnhekk li dan l-aċċertament ma għandu bl-ebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova fil-mertu ta' dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid tħares bil-ħruġ tal-Mandat ingħata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru";*

*Illi l-istess sentenza sopraċitata tikkwota wkoll li fid-digriet fl-ismijiet **Joseph Camilleri et vs Anthony Govè et** tal-10 ta' Mejju, 2001, per Onor. Imħallef Dr R.C. Pace, u **Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et** tad-29 ta' Novembru, 2001, per Onor Imħallef Dr R.C. Pace, jingħad:*

> *"li mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-unika eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan għaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' proċedura preliminari, li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja"*

*Hekk ukoll fid-deċiżjoni fl-ismijiet* ***Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti*** *tas-27 ta' Ġunju, 2002, per Onor. Imħallef Dr R.C. Pace ingħad:*

> *"Illi fil-fatt jista' jingħad li dak li trid tagħmel il-Qorti f'din il-proċedura huwa biss sabiex teżamina 'prima facie' jekk min ħareġ il-mandat kellux pretensjoni legali għall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-aħħar eżami jifforma l-mertu tal-kawża, li din il-Qorti bil-proċedura premessa, ovvjament għandha tħalli fil-ġudizzju tagħha, jew ta' Qorti oħra għall-eżitu tal-kawża";*

*Illi prima facie, il-mandat ta' sekwestru huwa wieħed validu u jistħoqqlu li jibqa' fis-seħħ. Għalhekk, hija s-soċjetà intimata li trid tikkonvinċi lil din il-Qorti li mhux biss għandha raġunijiet validi għar-revoka tal-mandat, iżda wkoll illi dawn jaqgħu taħt il-parametri tal-Artiklu 836 tal-Kap. 12 u speċifikament taħt l-artikli partikolari minnha invokati. Dawn l-artikli ser jiġu indirizzati issa b'mod speċifiku u fl-istess ordni.*

***i) L-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv [artiklu 836(1)(d)]***

*Dan is-subartikolu jolqot essenzjalment il-quantum tal-ammont mitlub fil-mandat ta' sekwestru. Dwar dan, osservaw hekk il-Qrati nostrani:*

> *"Skont l-artikolu 836(d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' ġustifikat jew ikun eċċessiv, jew jekk*

*jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġjonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli. L-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan il-kuntest huwa wieħed 'prima facie' u l-Qorti m'għandiex tidħol fi kwistjonijiet li jirrigwardaw il-mertu tal-kawża bħal jekk is-sekwestrat huwiex leġittimu kontradittur tas-sekwestrant;"*[4]

*Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tkellmet b'iktar preċiżjoni dwar is-subartikolu 836 (1) (d) fil-każ fl-ismijiet* ***Stewart Desmond Stanley vs Therese Mangion Galea*** *tad-29 ta' Lulju, 2005:*

*"L-artikolu 836 (1) (d) jiddisponi li mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk l-ammont mitlub mhuwiex 'prima facie' ġustifikat jew hu eċċessiv. Il-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"fumus juris" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. Biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun esaġerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-*

[4] **Av. Carmelo Castelli noe vs. Focal Maritime Services,** Prim'Awla Qorti Ċvili, 26 ta' April, 2002.

*daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod azzardat";*

*Illi ċertament l-ammont mitlub mill-esponenti la hu esaġerat, tant li jikkomprendi biss parti mill-ammont pretiż fir-rikors promotur, u lanqas ukoll mhu grossolan;*

*Illi l-punt kardinali li joħroġ minn dan huwa li l-Qorti m'għandhiex tidħol fil-mertu tal-każ imma għandha tistabbilixxi, qabelxejn, jekk prima facie tissussistix il-pretensjoni tal-attur (u mhux jekk l-attur għandux raġun) u mbagħad jekk l-ammont indikat fil-mandat ta' sekwestru huwiex wieħed li raġjonevolment jirrifletti l-ammont tal-pretensjoni;*

*Illi fil-każ in eżami, l-esponent James Hawkins isostni li prima facie għandu pretensjoni raġjonevoli u ġustifikata. U dan kif konfermat ukoll mill-opinjoni teknika ġuramentata ta' Focus Software Solutions (software developer) datata 5 ta' Mejju 2015 (dokument anness u mmarkat Dokument AA5);*

*Illi sakemm tingħata d-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, l-esponent Hawkins għandu d-dritt li jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu bil-ħruġ ta' mandat kawtelatorju;*

*Illi l-ammont mitlub fil-mandat kawtelatorju jirrifletti parti zgħira minn dak li ntalab fir-rikors maħluf, liema ammont globali huwa ferm ogħla minn dak mitlub f'dan il-mandat kawtelatorju;*

*Illi, stante n-nuqqas tas-soċjetà intimata li teżegwixxi l-kuntratt inkwestjoni, ġew ikkawżati danni lill-esponenti li min-naħa tiegħu kellu jikkuntratta software developer ieħor;*

*Illi skont artiklu 7.1(ii) tal-istess ftehim (anness mar-rikors promotur guramentat)*[5]*, is-soċjetà intimata ntrabtet li s-servizzi tagħha "shall be performed with reasonable skill and care";*

*Illi s-servizzi li s-soċjetà intimata laħqet irrendiet kienu ta' kwalità tant inferjuri, li ma kienx possibbli, u ma setgħetx, tingħata handover, għaliex ix-xogħol kollu li kien laħaq sar kien jirrikjedi li jsir mill-ġdid;*

*Illi għalhekk din it-talba għar-revoka tal-mandat kawtelatorju għandha tiġi miċħuda, stante li t-talba tal-esponent hi prima facie ġustifikata stante n-non eżegwiment tal-kuntratt u mhiex eċċessiva u hija limitata biss għal parti mill-ammont li l-esponent qed jippretendi li għandu jieħu mis-soċjetà intimata.*

***ii) Jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli – [Artiklu 836(1)(f)]***

*Illi huwa sottomess illi hemm bażi ċara għall-pretensjoni tal-esponent u altru milli t-talbiet tiegħu huma frivoli u vessatorji;*

*Illi dan il-mandat kien, u għadu, meħtieġ u ġustifikabbli stante li s-soċjetà intimata baqgħet sal lum ma eżegwietx il-kuntratt pattwit bejn il-partijiet fl-intier tiegħu;*

*Illi sa llum l-esponenti Hawkins għadu jinkorri, u jsofri, danni minhabba li s-soċjetà intimata naqset li tonora, anzi kisret, l-obbligi*

[5] Dok. JH 01 – *iQtrades Web Site Development Agreement* datat 8 ta' Lulju, 2013.

*kuntrattwali tagħha;*

*Illi l-esponenti James Hawkins inkorra, u għadu qed jinkorri, telf ta' qligħ konsegwenza li l-website inkwistjoni ma ġietx ikkompletata fl-intier tagħha;*

*Illi l-esponenti inkorra spejjeż żejda stante li ħtieġlu, u għadu jinħtieġlu, li jinkorri spejjeż żejda oħra sabiex iqabbad developer ieħor sabiex iwettaq u jħejji l-website;*

*Illi, fil-fatt, dak li s-soċjetà intimata qed tgħid li tista' ssofri preġudizzju estensiv jekk il-Mandat jibqa' fis-seħħ, liema preġudizzju jikkonsisti f'telf ta' negozju u klijenti, qiegħed jiġi mġarrab preżentement mill-esponent u dan stante n-non-eżegwiment tal-kuntratt mis-soċjetà intimata;*

*Illi għalhekk din it-talba għar-revoka tal-mandat kawtelatorju għandha tiġi miċħuda stante li ċ-ċirkostanzi li jinsab fihom l-esponent għadhom jissussitu, meħtiega u ġustifikabbli;*

***(iii) It-talba għall-garanzija [Artiklu 838A]***

*Fl-aħħar nett, Seasus Limited qiegħda titlob li fl-eventwalità li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li ma jissussitux raġunijiet suffiċjenti sabiex jiġi revokat il-Mandat, is-soċjetà Seasus Limited għandha tingħata garanzija għal danni eventwali u imgħax u dan ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi huwa umilment sottomess li din it-talba, kif dedotta, ma tistax tintlaqa', stante li s-soċjetà intimata ma tgħidx x'inhuma d-danni li qed issofri u qed tibbaża din it-talba tagħha fuq allegazzjonijiet, liema*

*allegazzjonijiet mhumiex biżżejjed sabiex jikkonvinċu u jiggwidaw lill-Qorti dwar l-ammont ta' garanzija li s-soċjetà intimata qed tippretendi;*

*Illi l-esponent jixtieq jagħmel riferenza wkoll għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri konċernanti l-mandat ta' inibizzjoni numru 517/2012/1 fl-ismijiet* ***Cutajar et vs Falzon Sant Manduca et*** *li saħqet li jrid ikun hemm "… raġunijiet gravi u impellenti li jwasslu l-Qorti takkolji talba biex tiġi imposta garanzija … Irid jittieħed ukoll inkonsiderazzjoni l-prinċipju legali li kull min juża bil-qies dritt mogħti lilu bil-ligi qatt ma jista' jkun suxxettibbli għad-danni …". Il-Qorti mbagħad wara li kompliet tgħarbel il-fattispecie tal-każ, ikkonkludiet illi "għalhekk f'dan l-istadju l-Qorti tqis bħala prematur u mhux f'lokha t-talba tar-rikorrenti għall-impożizzjoni ta' garanzija fuq l-intimat billi ma ġiex pruvat, almenu f'dan l-istadju, gusta causa għal tali impozizzjoni neċessitata mill-fatti biex jinżamm bilanċ bejn id-drittijiet tal-partijiet";*

*Illi finalment huwa proprju l-esponent James Hawkins li messu jingħata garanzija għad-danni li ġarrab stante li s-soċjetà intimata ma wettqitx il-kuntratt mistenni minnha, liema kuntratt huwa s-suġġett ta' dawn il-proċeduri;*

*Illi għalhekk din it-talba għal garanzija għal danni eventwali u mgħax għandha wkoll tiġi miċħuda.*

***Konklużjoni***

*Illi s-soċjetà intimata ssostni li "dan il-mandat qiegħed letteralment jaqtala' saqajha u ma jippermettiliex li topera stante li ma tistax*

*tħallas lill-impjegati tagħha, l-kera għall-fond minn fejn topera u d-diversi spejjez operattivi tagħha;"*

*Illi kieku s-soċjetà intimata osservat l-obbligi tagħha ma kienx ikun hemm bżonn li jinħareġ dan il-mandat, li wara kollox kellu jinħareġ għaliex l-esponent ma felaħx aktar isofri preġudizzju, liema preġudizzju kkawżalu, u għadu qed jikkawżalu, danni;*

*Illi f'dan il-kuntest, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili*[6] *kienet ferm ċara u saħqet li hu minnu li mandat ikollu effetti drastiċi u dan proprju għax il-Qorti "… ma tistax tinsa għalkollox li, sewwasew minħabba l-effetti drastiċi tal-Mandat, iseħħu konsegwenzi kultant serji li jħallu l-effetti tagħhom fuq il-parti intimata. Kemm hu hekk, il-Qorti tifhem sewwa li r-rikorrent qiegħed iġarrab ħsara kontinwa bil-Mandat fis-seħħ ma' kull jum li jgħaddi. Din il-ħsara ma tistax madankollu tkun ir-raġuni biex il-Mandat jitneħħa. Kieku l-liġi kellha titfisser b'dan il-mod, l-ebda Mandat effettiv ma jibqa' fis-seħħ ladarba jiġi muri li l-parti intimata f'dak il-Mandat tkun qiegħda tbati";*

*Illi għalkemm is-soċjetà intimata tinvoka l-Artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap. 12 biex issejjes it-talba tagħha għal ħruġ ta' kontromandat, fir-rikors, l-istess soċjetà tonqos milli ġġib raġunijiet speċifiċi taħt kull wieħed minn dawn is-subartikoli in sostenn għat-talba tagħha għar-revoka tal-mandat;*

*Illi fiċ-ċirkustanzi l-ħruġ tal-mandat għalhekk mhux biss kien raġjonevoli iżda kien ukoll neċessarju sabiex jipproteġi l-pretensjoni tal-esponenti.*

*Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq premessi, u mingħajr preġudizzju*

[6] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, **Tereza Mangion Galea vs. Desmond Stanley Stewart**, 29 ta' Lulju, 2005

*għal sottomissjonijiet ulterjuri li jistgħu jitressqu verbalment, huwa umilment sottomess illi t-talbiet kollha tas-soċjetà intimata għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha.*

Wara li rat l-atti kollha tar-Rikors u d-dokumenti kollha esebiti mill-kontendenti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-Rikors.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Ġunju, 2015 fejn ir-Rikors tħalla għall-provvediment.

**Ikkunsidrat:**

Permezz ta' dawn il-proċeduri s-soċjetà sekwestrata qiegħda titlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 476/15 (minn issa 'l quddiem il-Mandat) abbażi tal-Artikolu 836 (1) (d) u (f) tal-Kap. 12. Is-soċjetà sekwestrata tissottometti li skont klawsola 2 tal-ftehim li kien iffirmat fit-8 ta' Lulju, 2013, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju, 2013, l-ispeċifikazzjonijiet tal-website, li kellha ssir mis-soċjetà sekwestrata skont l-istess ftehim, kellhom jiġu miftiehma bil-miktub mill-partijiet.

Skont l-istess klawsola 2 (1) tal-ftehim, fl-eventwalità li l-partijiet ftehim ma jkunx irnexxilhom jiftiehmu bil-miktub dwar l-imsemmija speċifikazzjonijiet, kull parti għal dan il-ftehim setgħet tittermina il-ftehim billi tagħti avviż lill-parti l-oħra.

Is-soċjetà sekwestrata permezz ta' ittra uffiċjali responsiva datata 15 ta' April, 2014 itterminat formalment il-ftehim inkwistjoni 'il għaliex il-partijiet baqgħu ma ftehmux dwar l-ispeċifikazzjonijiet ai termini tal-ftehim riferit 'il għaliex skont Seasus Limited, James Hawkins kien qed jippretendi li mill-imsemmi ftehim jingħata ferm aktar minn dak li kien ġie pattwit mill-partijiet. Barra minn hekk is-soċjetà Seasus Limited interpellat lil James Hawkins biex jersaq għal-likwidazzjoni u għall-ħlas ta' ammonti dovuti għas-servizzi reżi lilu mis-soċjetà mittenti.

Min-naħa tiegħu s-sekwestant James Hawkins wieġeb *inter alia* li s-soċjetà sekwestrata naqset illi tonora, anzi kisret, diversi obbligi kuntrattwali, ai termini tal-istess kuntratt u dan billi l-website ma tlestitx kompletament fit-terminu mogħti lilha u ċioè fi żmien tmien ġimgħat mid-data tal-iffirmar tal-istess kuntratt skont kif stipulat minn artiklu (i) ta' Appendix I anness mal-istess kuntratt.

Il-qofol tal-kwistjoni bejn il-partijiet għalhekk hija jekk is-soċjetà Seasus Limited naqsitx li tonora l-obbligi kuntrattwali tagħha skont il-ftehim tat-8

ta' Lulju, 2013 minħabba xi nuqqas imputabbli lilha kif qed jikkontendi s-sekwestrant, jew 'il għaliex James Hawkins kien naqas li jiftiehem bil-miktub dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-website minħabba li kien qed jippretendi li mill-imsemmi ftehim jingħata ferm aktar minn dak li kien ġie pattwit mill-partijiet fil-ftehim oriġinali, u dan kif qiegħda tikkontendi s-soċjetà sekwestrata.

Din il-Qorti tagħmel riferiment għall-provvediment in re **Josephine Sammut vs Emmanuel Sammut et**[7] (Prim'Awla, 29 ta' Novembru, 2001) fejn ġie affermat li:

> *"dak li trid tagħmel il-Qorti f'din il-proċedura huwa biss sabiex teżamina prima facie jekk min ħareġ il-mandat kellux pretensjoni legali għall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-aħħar eżami jifforma l-mertu tal-kawża, li din il-Qorti bil-proċedura premessa, ovvjament għandha tħalli fil-ġudizzju tagħha, jew ta' Qorti oħra, għall-eżitu tal-kawża."*

Mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-fondatezza tal-pretensjonijiiet tas-sekwestrant, dak li trid tagħmel il-Qorti f'din il-proċedura huwa biss li teżamina *prima facie* jekk is-sekwestrant kellux pretensjoni legali għall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le.

[7] PA (TA) deċiża fid-29 ta' Novembru, 2001.

Eżami *prima facie* huwa wieħed preliminari, mhux fil-fond u jirreferi għal dak li jirriżulta mad-daqqa ta' għajn.

Illi f'dan ir-rigward tagħmel riferiment għall-provvediment mogħti minn din il-Qorti diversament presjeduta in re **Theresa Mangion Galea vs Desmond Stanley Stuart**[8] fid-29 ta' Lulju, 2005 fejn intqal li ġej:

> *"Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. Minn dak li ħareġ waqt is-smigħ tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimata eżekutanti għandha, tajjeb jew ħażin, pretensjoni ta' ħlas. Min-naħa l-oħra, li kieku l-Qorti, f'dan il-waqt, tagħti deċiżjoni dwar jekk huwiex minnu, jew le, tkun qiegħda tiddeċiedi l-qofol tal-mertu tal-kontrotalba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidħol fihom fi proċedura bħal din. Jerġa' jingħad hawnhekk li dan l-aċċertament ma għandu bl-ebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova fil-mertu ta' dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid tħares bil-ħruġ tal-Mandat ingħata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru".*

Għalhekk din il-Qorti ma tistax f'dan l-istadju ta' *prima facie*, tidħol fil-qofol tal-mertu u tiddeċiedi liema mill-verżjonijiet esposti mill-partijiet hija l-iktar waħda verosimili u veritjera, liema evalwazzjoni tal-provi trid issir ovvjament fil-kawża proprja dwar il-mertu. L-indaġini li trid issir mill-Qorti

[8] Deċiża fid-29 ta' Lulju, 2005 (PA (JRM)).

f'dawn il-proċeduri preliminari għall-finijiet tal-Artikolu 836 (1) (d) tal-Kap. 12 hija dwar jekk mal-ewwel daqqa t'għajn jidhirx li s-sekwestrant għandu pretensjoni x'jikkawtela.

Kif ġie ritenut fil-provvediment fl-ismijiet **Joseph Camilleri et vs Anthony Gové et**[9]:

> *"Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, dan kollu huwa l-mertu tal-pendenza eżistenti bejn il-partijiet fl-istess kawża ta' bejniethom fuq ċitata, u għalhekk ċertament li din il-Qorti, f'dan l-istadju ma għandhiex tagħti ġudizzju fuq l-istess, stante li tkun qed minflok tiddeċiedi l-kawża, li mhuwiex l-iskop ta' din il-proċedura abbażi tal-artikolu 836 tal-Kap. 12."*

Mid-dokumenti esebiti u mix-xhieda li ġew prodotti mis-sekwestrant, din il-Qorti tiddeduċi, dejjem fuq bażi ta' *prima facie*, li s-sekwestrant jista' jgħid li għandu pretensjoni x'jikkawtela permezza tal-Mandat u fil-fehma tal-Qorti s-soċjetà sekwestrata min-naħa tagħha ma tistax tgħid li l-ammont mitlub fil-Mandat mhuwiex *prima facie* ġustifikat.

Illi minn dan isegwi li anke jekk jiġi stabbilit li s-sekwestrant kellu dritt jaġixxi sabiex jissalvagwardja il-pretensjonijiet tiegħu permezz tal-Mandat, kif intqal fid-deċiżjoni **Visa Investments Limited vs Blye Engineering Co. Ltd** [10]:

---

[9] PA, deċiż fl-10 ta' Mejju, 2001.
[10] PA (RCP), deċiż fis-7 ta' Frar, 2000.

> *"Illi ovvjament dan ma jfissirx li tali azzjoni tas-soċjetà intimata ser tirnexxi, għaliex id-determinazzjoni tal-istess talbiet tispetta biss lil dik il-Qorti li qed tisma' l-mertu tal-kawża u fl-ambitu tal-kawża proprja dwar il-mertu".*

Il-Qorti ser tgħaddi issa biex tikkunsidra t-talba tas-soċjetà sekwestrata fl-ambitu tas-subinċiż (d) tal-Artikolu 836 (1) tal-Kap. 12 inkwantu fejn qiegħda titlob ir-revoka tal-Mandat peress li allegatament l-ammont mitlub fil-Mandat huwa eċċessiv.

Il-Qorti tirrileva li l-kwistjoni bejn il-partijiet oriġinat minn ftehim datat 8 ta' Lulju, 2013 fejn is-soċjetà sekwestrata kellha tippresta lis-sekwestrant servizzi ta' żvilupp ta' website għal ħlas pattwit ta' €9,500. Mill-banda l-oħra s-sekwestrant qiegħed jivvanta fil-konfront tas-soċjetà sekwestrata pretensjoni li tammonta għal €981,604, liema somma tinkludi talba għar-rifużjoni ta' depożitu (€3,766); talba għal ħlas ta' telf ta' qligħ (€893,598); talba għal ħlas ta' penali pagabbli skont il-kuntratt (€49,230) u talba għal ħlas ta' spejjeż inkors biex jitqabbad *developer* ieħor (€35,000). Bil-Mandat ġiet ikkawtelata s-somma ta' €300,000 mis-somma totali pretiża ta' €981,604.

Dak li trid tistabbilixxi din il-Qorti f'din l-indaġini preliminari u *prima facie* huwa jekk il-pretensjoni tas-sekwestrant li ġiet ikkwantifikata f'ammont li

jiżboq mitt darba iktar il-valur tal-kuntratt oriġinali inkwistjoni, hijiex eċċessiva jew le.

Tqis f'dan l-eżami preliminari li l-fatt li d-*developer* li ġie mqabbad biex ikompli fejn ħalliet is-soċjetà sekwestrata fl-iżvilupp tal-website inkwistjoni, se jitħallas kważi erbgħa darbiet aktar dak li kellha titħallas is-soċjetà sekwestrata għal dan ix-xogħol, din tista' tkun konsiderazzjoni pertinenti fl-evalwazzjoni li trid issir mill-Qorti fil-mertu dwar kemm huwa minnu dak li qiegħda tikkontendi s-soċjetà konvenuta li s-sekwestrat kien qed jippretendi li jieħu mill-ftehim tat-8 ta' Lulju, 2013 ferm aktar minn dak li attwalment ħallas għalih u li minħabba f'hekk baqa' ma ntlaħaqx ftehim bejn il-partijiet dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-imsemmija *website*.

Il-fatt li din il-*website*, iktar minn sena wara li ġie tterminat formalment il-ftehim bejn il-kontendenti, għadha sal-lum ma ġietx varata minkejja s-servizzi aktar estensivi li ngħataw mid-*developer* li kien ġie mqabbad mis-sekwestrat biex jidħol għal dan ix-xogħol wara s-soċjetà sekwestrata, tista' tkun konsiderazzjoni pertinenti oħra f'din l-indaġini *prima facie* li qiegħda ssir dwar jekk l-ammont mitlub fil-Mandat huwiex wieħed eċċessiv.

Din il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li ntqal fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Casino-For-Me Limited vs Chartwell Games (Malta) Limited**[11]:

[11] PA (JRM), deċiża fis-27 ta' Awwissu, 2008.

*"Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx ta' bilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat*[12]*.*

Għar-raġunijiet imsemmija din il-Qorti tqis *prima facie* li l-ammont issekwestrat ta' €300,000 huwa wieħed eċċessiv sabiex ikun ikkawtelat l-jedd pretiż u għalhekk fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-Qorti qiegħda tordna li l-ammont issekwestrat bil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 476/15 fl-ismijiet premessi, jiġi mnaqqas għal €50,000.

Tqis li in vista tal-pronunzjament tagħha dwar it-talba tas-soċjetà sekwestrata ai termini tal-Artikolu 836 (1) (d) tal-Kap. 12, mhuwiex il-każ li din il-Qorti tippronunzja ruħha dwar it-talbiet tas-soċjetà sekwestrata li għamlet ai termini tal-Artikoli 836 (1) (f) u 838A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[12] Ara, per eżempju, PA (GV) deċiż fis-6 ta' Diċembru, 1999 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Salvino Farrugia noe vs. Exalco Holdings Ltd**.

**<u>Decide</u>**

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tas-soċjetà sekwestrata Seasus Limited billi:**

**Dwar l-ewwel talba tas-soċjetà sekwestrata tordna li l-ammont sekwestrat bis-saħħa tal-Mandat mertu tal-każ jitnaqqas għal ħamsin elf euro (€50,000), iżda tħalli fis-seħħ l-istess Mandat u b'hekk tiċħad it-talba għat-tħassir tiegħu;**

**Tiċħad it-talbiet l-oħrajn kollha bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;**

**Tordna li, fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija

--------------------TMIEM---------------------